# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Aġġornament tal-kampjuni tal-karti maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri lill-membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u rappreżentanti konsolari u l-membri tal-familji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 85; ĠU C 153, 6.7.2007, p. 15; ĠU C 64, 19.3.2009, p. 18; ĠU C 239, 6.10.2009, p. 7; ĠU C 304, 10.11.2010, p. 6; ĠU C 273, 16.9.2011, p. 11; ĠU C 357, 7.12.2011, p. 3; ĠU C 88, 24.3.2012, p. 12; ĠU C 120, 25.4.2012, p. 4; ĠU C 182, 22.6.2012, p. 10; ĠU C 214, 20.7.2012, p. 4; ĠU C 238, 8.8.2012, p. 5; ĠU C 255, 24.8.2012, p. 2; ĠU C 242, 23.8.2013, p. 13; ĠU C 38, 8.2.2014, p. 16; ĠU C 133, 1.5.2014, p. 2; ĠU C 360, 11.10.2014, p. 5)**

(2014/C 397/07)

Il-pubblikazzjoni tal-kampjuni tal-karti maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri lil membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u rappreżentanti konsolari u l-membri tal-familji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [1] hija bbażata fuq informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Flimkien mal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, aġġornament ta' kull xahar huwa disponibbli fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

L-ESTONJA

*Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 304, 10.11.2010*

**Karti tal-identità maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin**

1. Karti tal-identità diplomatiċi u tas-servizz maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin:

1.1. Karta tal-Identità Diplomatika

Kategorija A — Kap ta' Missjoni u membri tal-familja tiegħu/tagħha; blù

Kategorija B — Diplomatiku u membri tal-familja tagħha/tiegħu; blù

1.2. Karta tas-servizz

Kategorija C — Impjegat amministrattiv u membri tal-familja tagħha/tiegħu; ħamra

Kategorija D — impjegat awżiljarju; ħadra

Kategorija E — Qaddej privat; ħadra

Kategorija F — Ċittadin Estonjan u resident pemanenti li jaħdem f'missjoni barranija; ħadra

Kategorija HC — Konslu Onorarju; griża

Kategorija G — Membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni oħra u l-membri tal-familija tiegħu/tagħha; oranġjo

[1] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

**Karta tal-identità diplomatika** ([1])

| *Quddiem* | *Wara* |
| --- | --- |
|  |  |





Kulur — blu

Kategorija A — Kap tal-Missjoni u membru tal-familja tagħha/tiegħu

| *Quddiem* | *Wara* |
| --- | --- |
|  |  |





Kulur — blu

Kategorija B — Diplomatiku u membru tal-familja tagħha/tiegħu

**Karta tas-servizz**

| *Quddiem* | *Wara* |
| --- | --- |
|  |  |





Kulur — aħmar

Kategorija C — Impjegat amministrattiv u membru tal-familja tagħha/tiegħu

([1]) Jekk jogħġbok ara wkoll l-informazzjoni addizzjonali pprovduta fl-aħħar ta' dan it-test.

*Quddiem* *Wara*







Kulur — aħdar

Kategorija D — Persunal ta' servizz u membru tal-familja tagħha/tiegħu

*Quddiem* *Wara*







Kulur — aħdar

Kategorija E — Impjegat privat

*Quddiem* *Wara*







Kulur — aħdar

Kategorija F — Impjegat lokali

*Quddiem*




*Wara*




Kulur — griż

Kategorija HC — Konslu onorarju

*Quddiem*




*Wara*




Kulur — oranġjo

Kategorija G — Membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni oħra u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha

**Informazzjoni addizzjonali**

Karatteristiċi ġenerali tal-karti kollha maħruġa mill-Estonja:

Kartijiet diplomatiċi u ta' servizz se jsiru l-unika bażi legali għal residenza fl-Estonja għall-persunal akkreditat fl-Estonja tar-rappreżentanti diplomatiċi, stabbilimenti konsulari, jew rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Karta diplomatika jew ta' servizz li tkun maħruġa mill-1 ta' Ottubru 2010 li tintitola lill-portatur **flimkien mal-passaport**, biex jidħol u jivvjaġġa fit-territorju tal-Istati ta' Schengen.

Il-karti diplomatiċi u ta' servizz maħruġa qabel l-1 ta' Ottubru 2010 jibqgħu validi sad-data indikata fuq il-karta, u tkun il-bażi legali għal residenza fl-Estonja flimkien ma' viża valida diplomatika jew ta' servizz, u mhux se jinbidlu f'ġodda għalissa.

Deskrizzjoni teknika tal-karti kollha maħruġa mill-Estonja:

Karta diplomatika jew ta' servizz hija karta tal-plastik bil-kantunieri tondi, b'dimensjonijiet ta' 85×54 mm

Id-dejta fuq in-naħa ta' quddiem tal-karta diplomatika u ta' servizz hija kif ġej:

— titolu tal-karta (Karta diplomatika jew ta' servizz Estonjana)

— Nru tas-serje

— l-isem tal-ambaxxata

— isem id-detentur

— data tat-twelid

— kariga tad-detentur

— ritratt

— firma tal-portatur

In-naħa ta' wara fiha d-dejta li ġejja:

— il-grad tal-immunità

— informazzjoni dwar il-bażi legali għal residenza fl-Estonja

— l-awtorità li toħroġha (Ministru tal-Affarijiet Barranin, Dipartiment tal-Protokoll tal-Istat, telefon)

— valida minn

— valida sa

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Estonjan għandu joħroġ dawn il-karti diplomatiċi u tas-servizz li ġejjin:

(1) lill-kap tal-missjoni u lill-membri tal-familja tiegħu karta diplomatika serje A (blu);

(2) lil diplomatiku u lill-membri tal-familja tiegħu karta diplomatika serje B (blu);

(3) lil impjegat amministrattiv u lill-membri tal-familja tiegħu karta ta' servizz serje C (ħamra);

(4) lil persunal ta' servizz u lill-membri tal-familja tiegħu karta ta' servizz serje D (ħadra);

(5) lill-impjegati privati karta ta' servizz serje E (ħadra);

(6) lil ċittadin Estonjan u resident permanenti li jaħdem f'missjoni barranija karta ta' servizz serje F (ħadra);

(7) lil konslu onorarju ta' pajjiż barrani karta ta' servizz serje HC (griża);

(8) Kartat tas-servizz serje G lil membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni oħra u l-membri tal-familija tiegħu/tagħha;

Membri tal-familja huma d-dipendenti li ġejjin ta' diplomatiku u li jagħmlu parti mill-istess unità domestika tiegħu/tagħha:

(1) konjuġi;

(2) wild mhux miżżewweġ sa mhux iktar minn 21 sena;

(3) wild mhux miżżewweġ sa mhux iktar minn 23 sena, li jistudja/tistudja f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja fl-Estonja;

(4) membru tal-familja ieħor f'każijiet speċjali.

karta diplomatika u ta' servizz ma jinħarġux jekk il-perjodu tal-inkarigu jkun iqsar minn sitt (6) xhur.

Il-karti ta' servizz ma jinħarġux lill-impjegati amministrattivi tal-missjoni barranija li joqogħdu barra l-Estonja.